

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Atlas Ġudizzjarju Ewropew Dwar Kwistjonijiet Ċivili](#) > [Obbligi Ta' Manteniment](#) > France

Obbligi ta' manteniment

Franza



Franza

SIB QRATI/AWTORITAJIET KOMPETENTI

L-għodda ta' tiftix hawn taħt se tgħinek tidentifika qorti/qrati jew awtorità(jiet) kompetenti għal strument legali Ewropew speċifiku. Jekk jogħġbok innota li għalkemm sar kull sforz biex tiġi aċċertata l-preċiżjoni tar-riżultati, jista' jkun hemm xi każijiet eċċezzjonali li jikkonċernaw id-determinazzjoni ta' kompetenza li mhumiex neċessarjament koperti.

Artikolu 71 1. (a) – Qrati għall-applikazzjoni għal dikarazzjoni ta' eżekutorjetà u qrati tal-appell kontra deċiżjonijiet dwar tali applikazzjonijiet

L-awtorità maħtura skont tal-Artikolu 27(1) hija l-President tal-Qorti Ċivili (*Tribunal judiciaire*) jew il-President tal-Kamra tan-Nutara.

L-awtorità maħtura skont l-Artikolu 32(2) hija l-Qorti tal-Appell (*Cour d'appel*).

L-awtorità li għandha ġuriżdizzjoni territorjali maħtura skont l-Artikolu 27(1) hi determinata, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 27(2) skont l-indirizz tar-residenza abitwali tal-parti li l-eżekuzzjoni qed tintalab fil-konfront tagħha, jew skont il-post tal-eżekuzzjoni.

L-awtorità maħtura skont l-Artikolu 32(2) hi dik kompetenti biex tiegħu konjizzjoni ta' rikorsi kontra deċiżjonijiet tal-imħallef li jittratta kwistjonijiet dwar il-familja (*juge aux affaires familiales*).

Artikolu 71 1. (b) – Proċedura ta' rimedju

Il-proċedura prevista fl-Artikolu 33 hija l-appell fil-kassazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kassazzjoni (*Cour de cassation*), skont ir-regoli li jinsabu fl-Artikoli 973 sa 982 u 1009 sa 1031 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.

Artikolu 71 1. (c) - Proċedura ta' reviżjoni

Il-proċedura ta' rieżami prevista fl-Artikolu 19 tar-Regolament hija l-appell, li jista' jsir quddiem il-qorti tal-appell, li taħtha tkun taqa' l-qorti li tkun tat id-deċiżjoni kkontestata.

Artikolu 71 1. (d) - Awtoritajiet Ċentrali

Ministru tal-Affarijiet Barranin u Ewropej

Direttorat għall-Franċiżi li jinsabu barra minn pajjiżhom u tal-amministrazzjoni konsulari

Servizz dwar il-konvenzjonijiet, l-affarijiet ċivili u l-kooperazzjoni ġudizzjarja

Sotto-direttorat għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-persuni

Uffiċċju dwar l-irkupru ta' ħlasijiet għall-manteniment f'pajjiż barrani

27, Rue de la Convention

CS- 91533

F - 75732 PARIS CEDEX 15

Telefown: + 33 (0)1 43 17 91 99

Fax : +33 (0)1 43 17 81 97

E-mail: obligation.alimentaire@diplomatie.gouv.fr

Artikolu 71 1. (f) - Awtoritajiet kompetenti għall-eżekuzzjoni

L-imħallef li se jwettaq l-eżekuzzjoni u li jkollu ġurisdizzjoni territorjali huwa dak li jinsab fl-istess post fejn jirrisjedi d-debitur jew fil-post fejn se tiġi eżegwita l-miżura. Jekk id-debitur jirrisjedi barra minn pajjiż jew jekk il-post tad-domiċilju ma jkunx magħruf, l-imħallef li jkollu ġurisdizzjoni huwa dak tal-post fejn se tiġi eżegwita l-miżura.

Artikolu 71 1. (g) - Lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet ta' dokumenti

Il-lingwa Franċiża biss.

Artikolu 71 1. (h) - Lingwi aċċettati mill-Awtoritajiet Ċentrali għall-komunikazzjoni ma' Awtoritajiet Ċentrali oħra

Il-lingwa Franċiża biss.

■ L-aħħar aġġornament: 17/02/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.